# IN-NAĦLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL ĠIMGĦA BIEX TGĦALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**118.** **3 ta' DICEMBRU 1910.** **IT-TIELET SENA**



FTEHIM.

**Ħadd ma jista jissieħeb għal anqas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallanqas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**


# IL VOT

Il **Vot** f'Elezjoni hu bħal mus ta'l-leħja li bih tista takta għerżumtec u għerżumet martec u uliedec jeŭ għerżumet il għadu tiegħec.

Li ma tatix vot ijfisser li tara għadu gejj fukec biex jaktagħlec hu grieżmec b'il mus-ta'l-leħja tiegħu u int il mus-ta'l-leħja li jcolloc f'idejc f'loc li tiddefendi ruħec bih tarmih jeŭ titfgħu f'il but biex tħalli lil għadu tiegħec ijħanxarlec għonkoc.

Mela il vot fl-Elezjoni hu ħaġa għażiża ħafna għaliex bih tħarsu jeŭ tgħarrku id-drittijiet tagħcom u jecc ma tatuhx jeŭ tatuh ħażin tcunu kiegħdin tħallu l-għedeŭŭa tagħcom jużaŭ l-armi tagħhom contra tagħcom f'il ħin li intom l-armi tagħcom tcunu kiegħdin tarmuhom bħal ħafna nies bla għakal.

Mela ġa la darba għandcom is-setgħa li tiddecidu il gid jeŭ id-deni tagħcom il VOT ATUH u tgħidux li ma jimportacomx m'il politica għaliex tcunu kiegħdin tgħidu li ma jimportacomx m'il gid jeŭ m'id-deni tagħcom stess.

Mela ivvotaŭ u did-darba jecc tridu tivvotaŭ għal gid tagħcom u ta' pajjiscom ivvotaŭ għa't-TABIB PULLICINO għal l-EŬŬEL DISTRETT u għal MARCHIS APAP-BOLOGNA għa's-SEBA DISTRETT.

* * *

Biss meta tatu il vot okogħdu attenti li tatuh tajjeb u biex tatuh tajjeb u scond il cuxjenza tagħcom ma għandcomx tatuh fuk li jsefsfulcom ħafna nies mibjugħa, jeŭ biex tagħmlu favur il dan jeŭ il dac, jeŭ għax ijŭiegħducom xi ħaġa, jeŭ għax tittamaŭ xi ħaġa minn dan jeŭ dac, iżda għandcom tfittxu li tifmu tajjeb liema hu il gid jeŭ id-deni tagħcom billi tisimgħu iż-żeŭġ kniepen u tiddecidu scond il fehma u il cuxjenza tagħcom. Intom tafu li jiena ma inhix għadu personali ta's-Sur Cicc u ta' daŭc Sħabu il Cunsilieri li ma telkux, u dana jafu cullħadd u kalu u faħħarni chemm il darba is-Sur Cicc stess fl-*Avvenire* tiegħu; bħal ma' tafu ucoll li jiena ma għandi l-ebda partit personali ma ħadd, u għalhecc dac li ingħidilcom jiena għandcom tieħduh bħala il parir ta' bniedem li dejjem, chif tafu, fittixt li nifthilcom għajnejcom għal gid tagħcom, li dejjem żammejt m'hux ma'l persuni iżda ma'l fehmiet tajjba u għalhecc dakka żammejt ma banda u dakka ma oħra scond ma dehirli li sejjer ijcun gid tagħcom jeŭ le bla ma kgħadt katt inħares jecc sejjer immur contra jeŭ favur il fehma ta' ħabib jeŭ għadu tiegħi.

Mela ġa la darba, chif tafu, jiena dejjem żammejt ma dic il fehma li dehirli li sejjra tcun ta' gid għalicom alla-volja chienet gejja xi dakkiet m'il għedeŭŭa tiegħi stess, naħseb li intom d'id-darba għandcom tokogħdu fuk il fehma tiegħi ucoll billi dina il fehma sejjer ingħidielcom għal gid tagħcom u ta'l pajjis biss.

Il fehma tiegħi hi din: IVVOTAŬ GĦAT-TABIB PULLICINO U GĦAL MARCHIS APAP-BOLOGNA.

* * *

Biss, għad li naf li għandcom fiduċja f'il fehma tiegħi, ma irridx li tokogħdu fukha bla ma tifhmu seŭŭa għala. Jiena ma għandi l-ebda interess li inbellagħcom xejn li ma hux minnu għaliex jiena ma jien marbut ma' ħadd u cull ma sejjer ingħidilcom hu biss biex nifthiltcom għajnejcom halli tivvotaŭ tajjeb għall gid tagħcom u ta'l pajjis.

Mela nibdeŭ biex naraŭ għala għidtilcom li għand-

da il flus ta'l Esecuttiv lè. Ghala ? Il Prof: Manchè jaf li jiena dejjem fahhartu u dejjem gibtlu rispett cbir, iżda illum li ħareġ candidat u hemm il gid ta'l pajjis hemm bżonn li jiena niccumbattih b'ħilti collha għaliex żamm ma politica karrieka u li ma tistax ħlief tcun ta' ħsara cbira għal pajjis. *Amicus Plato sed magis amica veritas* ingħidu aħna ġornalisti ta'l Mandraġġ chif sejjaħ l-istampa maltija hu.

* * *

Il Baruni Ugu Testaferrata Abela hu gintlom u bniedem intelligenti u li għaraf ŭakkaf f'Malta industrija sabiha ta' imbejjet li huma imfaħħra ma'd-dinja collha. Iżda x'jista jisŭielna f'il Cunsili ġa la darba jinsab dejjem marid u tista tgħid li katt ma jidħol il Belt. B'ismu biss x'nagħmlu ? Aħna nies ta' ħeġġa, ta' ħila u li jifilħu jaħdmu irridu u ġa la darba il Baruni Testaferrata hu dejjem marid u imħabbat bl-imbit u il Prof: Manchè kal hu stess u ŭera b'iċ-ċar li il politica ma jafx fejn tokgħod aħjar nivvotaŭ għa't

# TABIB PULLICINO

għaliex ilu tlietin sena f'il politica tagħna, iccumbatta taħt Savona, Mizzi u Azzopardi u dejjem ħareġ ta' ragel u għadu jisŭa daks għaxra għax donnu bżara ħamra u għad li ma hux Professur ta'l għajnejn iżda f'il politica jifhem actar minn Manchè u dan għandna bżonn hemm fuk u għad li ma hux Curunell għandu bejn snienu xabla li tfieri għall meŭt lil Gvern meta jrid jirfsilna id-drittijiet tagħna u dan natuh għaliex ippruvati diġa.

* * *

Il Baruni Testaferrata-Abela għam di ġa f'il politica tant hu veru li lakkat it-titolu ta' C.M.G., iżda il Marchis Apap-Bologna ma hux onest u intelligent ankas minnu u jiflaħ jaħdem chiecu chiecu chellu jibka hemm fuk. Iżda dana u it-Tabib Pullicino ijridu jitilgħu hemm fuk biss biex JIPPROTESTAŬ IRŬIEĦHOM CONTRA IS-SŬR CICC U SĦABU LI MA TELKUX u għalhecc la hemm bżonn ħila politica cbira u lankas xejn ħlief carattru u dinjità.

Mela ivvotaŭ għal

# MARCHIS APAP-BOLOGNA

għaliex dana kiegħed jitħabat biss biex jaħsel ŭiċċ il poplu m'il insult u m'id-daħk li tefgħulu f'ŭiċċu is-Sur Cicc u Sħabu.

* * *

Mela ftacru : —

(1) Li is-Sur Cicc u Sħabu daħku bina għaliex ma żammeŭx il ŭiegħda li għamlu f'il Programm allavolja il Ministru katgħilhom barra għal collox.

(2) Ftacru li l-*as at present advised* talabha is-Sur Cicc bħal ġbara biex ijsalva il post tat-tliet mitt lira.

(3) Ftacru li nakas minn dac li ŭiegħed f'id-dicjarazjoni ta'l aħħar ta' Mejju u baka jmaxtar.

(4) Ftacau li nakas minn dac li bagħat ijħedded lill Ministru u baka jmaxtar.

(5) Ftacru li ma dana insultana f'ŭiċċna billi kal li aħna IMMATŬRI.

(6) Ftacru li kal li il politica tiegħu l-imgħoddija hi collha sbaljata u li hi tajjba biss dic minn mindu beda jmaxtar it-tliet mitt lira.

(7) Ftacru li għad li tlabnih prova li ma hux kiegħed hemm fuk għal l-interess iżda għall gid ta'l pajjis billi jitlak ma tahilniex.

(8) Ftacru f'chemm għin lil Gvern f'it-taxxi ta's-sensji u chif tbiddel bħal-lejl ma' nhar minn mindu daħal fl-Esecuttiv u beda jmaxtar it-tliet mitt lira:

u jecc jidhrilcom li dana il bniedem ħakku actar il fiduċja tagħcom ivvotaŭ għall Candidati li ressak hu: il Prof: Manché u il Baruni Testaferrata-Abela C.M.G.

* * *

Jecc jidhrilcom li is-Sur Cicc għall għamil ħażin tiegħu ma ħakkux actar il fiduċja tagħcom, aħtru l'it-

# TABIB PULLICINO

u lil

# MARCHIS APAP-BOLOGNA

biex jitilgħu jċanfruh għal dana il għamil tiegħu u biex ijgħidulu li il poplu malti ma għadx bakagħlu fiduċja fih għaliex daħak bih, naksu minn chelmtu, insultah u urieh li kiegħed hemm fuk biss biex ijsalva it-tliet mitt lira u 'l pircaċċi.

---

# FRAC.

Nitolbu b'il kalb għa'r-ruħ ta's-**Sur Marjanu Borg**, missier il ħabib għażiż tagħna Ġorġ Borg P.L.; u għa'r-ruħ ta's-**Sinjura Mari' Armla Santucci**, omm il habib ta'l kalb tagħna u Sacerdot ħabriechi Dun Edgar, li ħalleŭ, ftit granet ilu dana il ŭied-ta'-dmugħ, mibchija minn cull min chien jafhom għa't-tieba u 'l għamil tajjeb tagħhom. Alla jatihom il mistrieħ ta' dejjem.

★

It-tielet Conferenza « PRO INFANTIA » li saret m'is-Sur Levanzin il Ħadd li għadda in-Naxxar irnexxiet ħafna billi nġabru ma'l ħames mitt ruħ tosthom xi mitejn mara. Tkassmu ucoll ħafna carti b'xejn b'ħafna tagħlim minn dac li għandu bżonn il poplu biex jimxi il kuddiem.

---

**Stampa ta'l ittri** rari ħafna hi dic li iġġib fukha ix-xbiha ta' O' Connell, Gvernatur ta' New Brunswick. Malli raŭ ŭiċċu fuk l-istampa ta'l ittri cullħadd xegħel u għalhecc chellu jżommhom minnufih u billi baka ftit minnhom jiġru saru ħaġa rari ŭisk. Rari hi ucoll l-istampa li fiha fuka ix-xbiha ta'l General Baden-Powell u li saret fl-assedju ta' Mafeking. Il Conti ta' Carrington għandu ucoll ix-xbiha tiegħu fuk stampa-ta'l-ittri li għamluhielu meta chien Gvernatur ta' Queensland, fl-Aŭstralja, billi chienu jħobbuh ŭisk.

**F'id-dinja** hawn ma'l ħdax il miljun lhudi.

**F'ir-Russja** jiżdiedu ma'ż-żeŭġ miljuni u nofs nies cull sena.

**Vapur-ta'l-art** fl-Istati Uniti ta'l America mexa 965 mil f'967 minuta, igifieri mil cull minuta !

**Fuk ilsien** ta' għacrux hemm ma't-tlietin elf sinna irkak li tista biss tarahom b'il microscopju, igifieri dic it-tromba li biha ħaġa żgħira tcabbarha għal mija, mitejn jew actar drabi biex tcun tista taraha aħjar.

# Għa'n - Nisa.

( *Jissocta minn numru ta' kabel* )

Għal min ma tantx jorkod b'il-lejl jeū ma jorkodx b'iż-żejjed f'il fond insalata b'il ħass u il basal f'il għaxija tagħmel tajjeb ūisk. L-acidu li fih il basal hu medicina tajjba ūisk għ'an-nervi u tkaūūihom ħafna; u ir-rieħa sa f'il għodu tgħaddi. Jecc ma tridux dic ir-rieħa f'ħalkcom u b'ir-raġun il basal culuh imgħolli iżda la tgħalluhx f'ħafna ilma ħalli tcunu tistgħu tħalltuh ma'z-żejt u tixorbuh billi tbillu fih. It-tadam biex ijnaddaf il fūied hu tajjeb ħafna ucoll.

Mela meta jcollcom il fūied imgħobbi u għalhecc f'id-dinja taraū collox icraħ u tħossu collox tkil culu icla tadam b'ħafna żejt u taraū chif ijgħaddilcom collox għaliex tcunu mexxejtu dic il bili collha li chellcom staġnata f'il fūied. Min ijrid tasseū li jżomm dejjem ruħu f'saħħtu għandu dejjem ijżomm ma' genbu il flixcun ta'ż-żejt u aħjar il flus tonfkuhom f'dana milli ħ-imbit jeū f'xorb ieħor għaliex daūna ħsara cbira jagħmlu f'il fūied u m'hux gid bħal ma jagħmel iż-żejt. Minn dana tistgħu taraū li l-aptit għallem lil poplu baxx li jiecol dac li l-actar għandu bżonn għall saħħtu u mela l-aptit veru tmeruħ katt.

★

Il CAMLA, chif jaf cullħadd, hi is-saħta ta'l ħūejjeġ u l-actar ta't-tūapet. Mela biex ma tħallux it-tūapet tagħcom jiġu meculin m'il camla agħmlu hecc:—

Meta tichinsuhom kabel xejn roxxu ħafna melħ ta'l borma fuk it-tapit u ħalluh hecc għal xi żmien, ūara ichinsuh tajjeb ma't-trab; u dana m'hux talli jsebbaħ l-ilūien ta't-tapit b'il *cloru* li fih iżda ma jħallix il il camla tgherrmu.

Iżda jecc tcunu tafu għala il camla tagħmel għa't-tūapet u tfittex biex tgherrimhom naħseb li jcunilcom actar ta' gid għaliex taħirbu il ħsara m'il eūūel la tcunu tafu mnejn hi gejja. Mela KATT TIFIRXU IT-TŪAPET FUK ART UMDA JEŪ NIEDJA. Jecc l-art tcun umda u jcollcom bżonn tifirxu fukha tapit ixtru il *brown-paper* minn dic li tcun minn banda il ūaħda micsija b'il katran u li fiha jkartsu il mercanzija u ifirxuha fl art b'il katran ijħares il fuk u fukha, biex tcunu actar sguri, roxxu ftit *insect powder* seūūa minn dac li jinxtara m'il ispiżżeriji u li jgħidulu *trab ta'l brieghed* u fuk collox ifirxu it-tapit u taraū chif il camla ma tersakx lejħ iżjed u chif it-tapit lankas tiġrilu actar ħsara bl-umdità ta'l art.

★

Haūn ħafna nisa li ma jafux CHIF GĦANDHOM IJNAD-DFU MERA biex jigi ċar u għalhecc il merja ta' djarhom ma tarahomx ħliet imtappnin u imżellgin. Isimgħu chif tnad-dfuhom tajjeb biex fihom ūiċċcom jidher aħjar.

Ħu ftit *pajpli*, farrcu u ħollu fl-ilma chiesaħ u ħalltu b'cuċċarina sa jsir bħal crema; żidlu ftit ktar ta'l ammoniaca u ħallat tajjeb. Meta tcun lesta xarrab b'il mod biċċa ċarruta u għaddi il mera collu tajjeb biha. Ħallih jinxef u ūara far-fru tajjeb billi tħoccu b'biċċa gazetta kadima jeū carta nadifa, u tara xi ġmiel ta' mera jigic.

( *Jissocta.* )

LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.

# IL ĦENA T'AR-RUĦ

Niżlet ix-xemx,—Għaxjet in-nhar,
Ūakfet il ħidma—Barra u fi'd dar :

Biss ta' xi għidi—Tisma 'l għajtiet ;
M'il bkija id-dinja—Ūakfet f'is-schiet.

Għabex sabiħ,—Fuiħa ta' nūar,
Sagħtar u plejju—Żina ta'l būar,

Il ħolkjen collu,—Art u smeūūiet,
Jixhdu minn t-Alla—L'egħġ ibġiet.

F'il ūakt jien smajt—Minn fuk ir-riħ
Dakk minn ta' cnisja—Ħelu u sabiħ ;

U il leħen jidūi—Smajt dac il ħin,
Donnhom daūc l-iġbla—Ūiegħbu 'l xulxin.

Rajt minnufiħ—Ħafna raħlin
Telgħin b'il ktajja'—Collha mgħaġġlin;

Ūara li jumhom—Ħadmu għall kligħ
B'il barca t'Alla—Jieħdu 'l mistrieħ.

U bla ma naf—Għaliex jeū chif,
Sibt ruħi sejjer,--Ħafif, ħafif,

M'an-nies ta'r-raħal--F'il cnisja dħalt
U għa'r-rcopptejja—'Nxtħett chif ūasalt.

Sichet id-dakk—Ħareġ kassis,
Fiż-żmien imdaħħal—Ūiċċ ta' kaddis.

Bi cbira ħrara—kassad it talb
U ir-raħlin miegħu—Talbu b'il kalb.

Jien dac in-nhar—Cont ūisk ħosbien
Bid-dūejjak moħħi—Imxerred chien :

Kalbi ūimlija—Biss bit-tneħid,
Għal collox tibchi,—Tinkasam trid.

Iżda x'ħin smajt—Jien dac it-talb
Tiela ' lejn Alla—Minn kiegħ il kalb.

Ruħi iddeūūietli- -Intliet b'is-serħ
L-ugigħat tiegħi—Inbidlu f'ferħ.

« Fejncom, għorriet—Fejncom, għaklin,
Ūara d'id-dinja—Hecc mogħmijin ? ...

Isa, sibuli—Akūa minn din
Duūa għa'n-nichet—Minn ta'l bniedmin.

Seūūa xebgħan—Seūūa b'il ġugħ
Fittex il ħena—F'mistrieħ ir-ruħ »

Da't-tagħlim t'ommi—Ūettkuni fih
In-nies ġo 'l cnisja—Ta' fuk ir-riħ.

P. B.

( *M'is-«Sebħ»* * ) (*Paūlu Bellanti.*)

* *Is-« SEBĦ » chienet ūaħda m'il isbaħ gazzetti b'il malti li katt chellna u li fiha chienu jictbu l-aħjar chittieba b'il malti. Billi fiha hemm tesor ta' poeziji sbiħ u billi il-lum dana is- « Sebħ » sar tant rari li lankas b'ħafna flus ma issib tixtriħ dehirli li billi narġa ingeddidhom ma nagħmel xejn ħażin ħalli min katt ma krahom jagħmlu issa u b'hecc il ħūejjeġ sbiħ ma jmutux malajr.*

# IS-SAHHAR FALZUN.

*(Jissocta minn numru ta' kabel.)*

Għabdallah meta rah ferah bih għaliex ħaseb li sidu Ġanni, li chien dejjem ijżellaklu xi gorda ġo idejh, chien gejj għall caċċa. Iżda meta sama dac li għadda minn Ħasan tkalleb u xtak li jgħinu biex jista jitħallas minn daŭc il clieb insara li ŭara li chienu jagħmluhom irsiera chienu jgħadduhom bħal xi ħaġa li hi tajjba biss biex tirfes fukha.

Barra minn dan Għabdallah chien jaf tajjeb li Ħasan ma chienx irsir minn ta't-tuzzana, li missieru chien ŭieħed m'il actar generali toroc kalbiena u imfaħħra u li niesu chienu miġjuba ħafna ma's-Sultan tagħhom, u għalhecc ma kagħadx jaħsibha darbtejn, ressaklu gebla biex poġġa b'il kiegħda fukha, ħareġ minn ġo ħofra f'il għar ftit frott ieħor u ħobż ta'l maħlut ma li chellu u kaŭŭielu kalbu biex jiecol xi ħaġa ħalli ŭara jaran ftit chif ijbelgħu dic il praspura.

Ħasan chellu l-istoncu tiegħu mitbuk u ma riedx jisma b'ichel, iżda billi Għabdallah rassu teftef x'erba frottiet u baka jisma dac li fuk li għadda minn għalih chien kiegħed ijtarraflu l-irsir l-ieħor; u meta Ħasan kallu li chellu mitt sena sa jidlam ħalli jarġa jitla l-Imdina biex minn ŭara il bieb ta'l iskak ijchellem il Colina ħalli jara x'inhi seŭŭa il fehma tagħha u xi tridu jagħmel. Għabdallah ŭiegħdu li billi ma chienx jaf għadu it-triek tajjeb chellu jŭasslu u jŭennsu hu.

Ħasan feraħ bla tarf u inxteħet jistrieħ fuk il ftit tiben li ħejjielu Mħammed billi ma' tul il lejl ta' kabel ma chienx tebak għajn ma' għajn. Iżda l-ingħas ma riedx jaf bih u għalhecc baka leŭbien jitħasseb fuk dac li chienet sejjra tgħidlu f'dac il-lejl l-imsejcna bħalu Colina, u bosta drabi nfexx jolfok meta chien ijgħaddilu minn kuddiem moħħu il ħsieb chiefer li Colina ma chienux sejjrin ijħalluha tinżel f'il ġnien u issib l-ittra li ħbielha.

Inħalluh għal ftit imgħargħar f'dal ħsiebijiet tiegħu u naraŭ ftit x'chien kiegħed ijsir f'id-dar ta' Abela.»

—«Iva, iva» kal Ħamid li chellu mitt sena biex ijcun jaf dic il ġrajja collha, iżda li katt ma chien ijbexxak fommu biex ma jtellifx chelma ŭaħda biss minn dac collu li chien kiegħed ijgħidlu Patri Damjan.

«Is-Sinjura Enzjona» compla kal il Majjistru Dumnican, «l-eŭŭel ħaġa li ħadet għamlet chienet li tara chif tgħatti il biċċa ta'l gerħa ta' Paŭlu Calavà. Tħaddtu flimchien chif ijtarrfu il missieru Nardu b'dac is-saram u ŭara ħafna tlugh u inżul ħasbuha li aħjar ma jŭebbluh b'xejn li ma jmurx jimla rasu b'xi flieles u jħassar collox jeŭ jagħmel xi plejtu billi ma chien ijħobb il ħadd ijmejjillu muntaru. Biss bagħtu jgħidulu ma'l kaddejja Marì li għal nofsinhar ma chellhomx għax jistenneŭh id-dar għal l-ichel għaliex chien sejjer jibka għand ta' Abela, ħaġa li dejjem Nardu chien jitraħ biha billi ma chienx jara il jum li fih Colina issir bħal bintu.

Bagħtu b'il mistur għat'-Tabib Għaxak billi kalulu li Colina ma chienetx f'sichitha, u meta gie fehmuh x'ġara u talbuh jatihom ftit daŭl fuk dac li chellhom jagħmlu biex dic il gażiba ma tixxerridx ma'l Imdina collha.

It-Tabib Għaxak chien ragel imdaħħal f'is-snin seŭŭa u għakli ħafna, u billi bosta m'il aħjar familji chienu jaħdmu bih min jaf chemm il ŭaħda minn daŭc il praspar chienu għaddeŭ minn geŭŭa idejh.

Ra tajjeb il gerħa li chellu Paŭlu u kallhom li ma chellux ħŭejjeġ cbar billi chien laktu f'is-snin u ma chienx għamillu ħsara cbira. Deŭŭihielu m'il aħjar li sata u kallu li ma'd-dlam chellu jigi għalih, jieħdu id-dar u ma' missieru jara chif ijbixchel il biċċa hu billi jgħidlu li ingeraħ x'ħin chien jissielet ma' xi fizzjal ta'd-Dejma bħalu u ħbieb tiegħu. Sabbar fl-istess ħin il Colina u kallha biex tcheċċi il Ħasan minn rasha għaliex ma chienx ijdokk għaliha u li ma chienx hemm għal fejn tibdlu ma' Paŭlu li chien ŭieħed m'il aħjar żgħażagħ ta'l Imdina. Għadda chelma ħelŭa ucoll l'is-Sinjura Enzjona billi faccarha fil ħafna bluħat ta' żgħużithom u billi ŭiddibha li ma turi xejn il Ġanni b'dac l-inkala għaliex chien sgur li lil Ħasan jurih il kamar f'il bir u jisfa collox agħar.

Enzjona ŭiegħditu li għandha tagħmel collox chif kallha u f'il ħin li izzietu ħajr, mar.

Paŭlu ried jara chif jagħmel u jsabbar il Colina billi ma fehem katt li kalbha chienet ingibdet hecc bl-icraħ lejn Ħasan, iżda ma irnexxielux ħlief li jifhem li kalb dic li tant chien ijħobb chienet għal collox u għal dejjem mejjta lejh.

Is-Sinjura Enzjona rat chif għamlet u sabbritu, fehmitu li Colina chien għadha tfal ŭisk u li chien għadha ma tafx seŭŭa xi tfisser imħabba, u li issa li tbiegħed minn ma' dŭarha dac issensafidi ta' Ħasan chienet tinsih għal collox u kalbha tarġa tingibed bħal kabel lejh. Faccritu ucoll li hu chien ħares lejn chemm il xebba kabel Colina iżda li katt ma ħabb seŭŭa bħal d'id-darba u li jecc illum ijgħaddi minn ma' genb daŭc li ħabb kabel ma jintebaħx malajr li daŭc sŭeŭlu f'ħajjtu ħafna ħsieb u tixrid ta' dmugħ.

Ma tul dic il ġurnata collha is-Sinjura Enzjona ma telkitux ŭakt ŭieħed biss billi chienet iġgibu ħafna u billi ma xtaketx li iż-żŭieġ tiegħu ma' Colina jintemm f'ix-xejn; u dac li ma daretx bih bintha għamlitu hi. Paŭlu ucoll chellu kima cbira lejha u għalhecc biex ma jgħallihiex kallha li hu ma chellu l-ebda ħsieb li fuk dac li ġara jinchiser ma' Colina għaliex chien jaf li moħħha chien għadu fuk il ŭerka ħafna u li ma chienx għadha taf tiżen għamilha daks chemm ijmissha. Biss uriha li ferah li kaċċtet il Ħasan fl barra ħin bla ŭakt biex ma jokgħodx jinbex il Colina actar bħal kabel, u ħalfilha li l-eŭŭel darba li jarah jersak lejn dac il bieb, bla cliem xejn, chien ijgħaddaslu ġo dahru ix-xabla li chellu sa joħroġ nofsha m'in-naħħa l-oħra. *(Jissocta.)*

# LOGĦOB.

It-Tifsira ta'x-Xarada:

PA-LAZZ.

—

**XARADA.**

Għajta *l-eŭŭel;* għajta *l-aħħar;*
Nota *it-tieni.* *L-intier* trid?
Lil barclor mur staksi ħija
Biex x'inhi lilec ijgħid.

LEV:


# BUREAU DE CORRESPONDANCE

**Jecc tridu min jictbilcom xi ittri, ricorsi, petizjonijiet jeŭ ħŭejjeġ oħra bl'Ingliż, bi't-Taljan, b'il Franciż, bl'Ispanjol, b'it-Tedesc u bil Għarbi; jeŭ tridu xi traduzjonijiet min daŭna il-lingŭi għal Malti, morru fli SCHOOL OF LANGUAGES (BERLITZ SYSTEM) f'innumru 17, Sda: Mezzodì, il Belt u tcunu mokdija seŭŭa ŭisk u bi prezzijiet m'il orħos.**

# "IŻ-ŻUNŻANA."

Da'l ŭakt sejjra tibda toħroġ dina il gazzetta ġdida b'il Malti u li sejjra tcun suppliment ta'n-«Naħla» tiegħi.

Nisthajjilcom tgħiduli: «X'hemm bżonnha? ma għandecx in-«Naħla,» din ma hix b'iż-żejjed?» Meta infehimcom għala sejjer noħroġha taraŭ intom stess chif tatuni raġun.

In-«Naħla» ħlakta biex ingħallem il poplu u irnexxiet actar milli katt ħsibt jiena għaliex lakgħuha u ferħu biha l-aħjar nies u l-actar intelligenti ta'l pajjis. Iżda bosta oħrajn ma humiex ħlief ijgħemgmu li jridu jakraŭ l-aħbarijiet, il baned ijridu il programmi, l-imsieħbin ijridu in-necrologiji, id-devoti ijridu il festi, xi uħud ijridu il polemichi, aħna cull tant ijcollna bżonn niddefendu ruħna contra il għideb u it-tnassis ta'l għedeŭŭa tagħna u ta' daŭc li in-«Naħla» tiegħi iġgiegħilhom tant jitkagħŭxu bl-ugiegħ ta' żakk. Fi ftit cliem, billi il «*Malta Tagħna*» ilha toħroġ fuk għoxrin sena u għal żmien tŭil chienet timraħ hi biss f'idejn il poplu baxx, dana dara jakra daŭc l-affarijiet għad li fihom il ħajja biss ta' mument u jridhom.

Jiena biex niccuntenta il cullħadd u naktagħlu xeŭktu sejjer ma indumx ma noħroġ gazzetta oħra ta' cull gimgħa li tatih dac collu li soltu jakra f'il «*Malta Tagħna*» u aħjar, cull tant bl-istampi u b'il premji, u

## B'NOFS PREZZ

billi għad li jcun DAKS il «*Malta Tagħna*» ma jcunx ijkum ħlief ŻEŬĠ XELINI F'IS-SENA (sitt ħabbiet cull numru) li jitħallsu xelin cull sitt xhur b'il kuddiem. L-ispejjes ta'l posta jitħallsu barranin. Min hu imsieħeb f'in-«Naħla» ma jħallasx ħlief XELIN F'IS-SENA BISS ACTAR u posta ma jħallasx barranija billi jircevih ma'n-«Naħla» bħala *suppliment*. Dana ix-xelin jitħallas f'dakka u bil kuddiem.

B'hecc in-«Naħla» tibka *rivista* u jcun fiha m'il bidu sa'l aħħar ħŭejjeġ ta' tagħlim biss, u il frac, l-aħbarijiet, in-necroloġiji u il ħŭejjeġ l-oħra jgħaddu f'IŻ-ŻUNŻANA billi dina tcun gazzetta li meta tinkara ŭieħed jista jkattagħha għaliex l-aħbarijiet ijmutu malajr u in-«Naħla» tiftaħ actar il ŭisa għat-tagħlim li jibka jinġabar sa il karrejja ta'l malti jcollhom ENCICLOPEDIJA minnha li isservi lilhom u lill uliedhom.

Id-daks ijcun l-istess ta'n-«Naħla» u bl-istess carta, biss b'ERBA faċċati f'loc bi tmienja. Dina tcun tinbih f'it-torok ucoll iżda B'IS-SOLD IL COPJA. Mela jakblilcom actar li tissieħbu u MIN JIBGHAT JISSIEHEB MA TUL DANA IX-XAHAR MA' L-EŬŬEL HLAS LI JAGHMEL JIEHU B'RIGAL IL «MAHBUB TA' GESU': IS-SABIH CTIEB TA'S-SUR ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI. Mela billi tieħdu dana il ctieb riġal il ħlas ta's-sena jerġa JONKOS B'XELIN u b'hecc l-imsieħbin ta'n-«Naħla» jcunu kiegħdin jieħdu għal l-eŭŭel sena iż-ŻUNZANA B'XEJN u min ma hux imsieħeb f'in-«Naħla» JCUN KIEGHED JIEHU GHAL-LEŬŬEL SENA GAZZETTA AHJAR M'IL «*Malta Tagħna*» u **B'XELIN BISS** F'LOC B'ERBA XELINI. Dana juri li għad bakagħli iż-żejt għaliex il ġurnalismu għalija hu ideal u passatemp u m'hux maxtura u ħobż ta' cull jum.

L-EŬŬEL MITT IMSIEHEB natihom ucoll copja cull ŭieħed ta'l Eŭŭel Taksima ta's-«SAHHAR FALZUN» u b'hecc l-eŭŭel sena tcun giethom B'XEJN, u daŭc li huma ġa imsieħbin f'in-«Naħla» jcunu fuk ir-rieħ. Mela fittxu ibagħtu issieħbu B'ITTRA MILL ACTAR FIS u jecc fiħa tibagħtu il flus li fehimtcom tircievu il premji.

**A. LEVANZIN.**



## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

Min ijrid jixtri oġġetti ta'l metall m'il isbaħ li jistgħu iservu bħala rigal għal xi żŭieġ jeŭ magħmudija, bi prezzijiet m'il-rħas ijmur f'il ħanut ta' Bartolomeo Pisani, Strada Levante No. 150, il Belt.

Fl-istess stabiliment jinbigħu ucoll u jinxtraŭ bolli użati.

## FRANCOBOLLI

Min ijrid jixtri francobolli użati għall collezjoni jmur ta's-Sliema, Strada Prince of Wales, Nu. 213, cull jum, minn nofsi nhar il kuddiem, u jħassel ħafna bolli sbiħ b'nofs prezz ta'l Catalogu.

# BRITANNIA

## STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Għodod, Ħuejjeġ ta' Chimica u Fotografija, Żebgħa, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

## INJAM

**ta'l aħmar, ta'l abjat, u ta'l caŭba.**

**Collox m'il irħas u m'il aħjar.**

BRITANNIA

## L-OSSIGENU

li illum hu tant użat f'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx joħroġ pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqŭida) sab chif minn dina l-arja liqŭida joħroġ l-

## OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal dina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' ħtieġa.

HAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu ħlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

**Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.**

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f'loc li jokgħod jistenna li jlestulu fi spiżżeriji oħra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat ħafna.

# Is-Sur Raff: Bonello

## TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

**(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)**

għandu għal bejħ cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il mатel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.

## INVENZJONI FAMUSA

**hi sgur dic li għamlu dan l-aħħar billi sabu ħaġa li tiffranca m'hux biss xogħol u żmien iżda flus ucoll u taħbit f'il hasil.**

**Mela biex tiffrancaŭ ix-xogħol u l-gheric**

## UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex tiffrancaŭ is-sapun għaliex taħlu ftit**

## UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex ma tħallsux ħassiela u ma taħlux ħafna żmien**

## UZAU "IR-RUBNIT"

**li jinbiegħ il Belt għand ir-Sur WAGNER, ta' Strada Zaccaria u T'as-Sliema għand il « BRITANNIA » ta' Sda. it-Torri.**



Min hu marid bi-ANEMIJA (fakar ta'g-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L'ELIXIR**

## TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħargu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

## IS-SECLU TA'N-NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haŭn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il mishuta**

## NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Ħafna ippruvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

## Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ŭara studju cbir sab il famus**

## ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŬH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**


In-"Nahla" tistampa ruħha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.